TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Kirsten Debono

vs

Joseph Ballucci

CCT G/8/15/MS

21 ta' April 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Gunju 2015 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' bejn €170 u €200, danni subiti wara li hadet Ipad ghand il-konvenut ghat-tiswija, liema tiswija ma rnexxietx.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentat fis-16 ta' Lulju 2015, fejn qal li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-allegat hsara ma kellhiex taqsam mat-tiswija minnu affettwata.

Ra d-dokument kollha.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra ukoll l-affidavit ta' Peter Muscat prodott mir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi f'Jannar tat-2013, ir-rikorrenti xtrat Ipad mill-Amerika ghall-prezz ta' tlett mitt dollar. Wara xi zmien li r-rikorrenti ma tipprecizax waqqghat dan l-IPAD u inkissret il-hgiega, pero skond ir-rikorrenti kollox baqa' jiffunzjona.

Illi f'Settembru 2013, ikkuntattjat lill-intimat fuq Facebook, li accetta l-inkarigu biex issewwi dan l-IPAD billi jbiddel il-hgiega. Il-bdil sar u ta' dan ix-xoghol, l-intimat talab sebghin Euro (€70.00), li r-rikorrenti hallset. Meta hadet l-Ipad lura sabet li dan ma kienx jiffunzjona tajjeb fis-sens illi ma kienx jixghel, billi l-buttuna ma kenitx imwahhla sew. Wara ilment tar-rikorrenti, l-intimat ta lura is-sebghin Euro (€70.00), pero l-Ipad baqa' ma jahdimx, skond l-intimat ghax kellu hsara fil-*motherboard* li kellu jinbidel, f'liema kaz ma kienx *worth it.*

Illi wara dan, ir-rikorrenti hadet dan l-Ipad ghand habib taghha Peter Muscat li jsewwi l-computers, pero' malli rah, qalilha li dan mhux ta' idejh peress illi kien infetah darbtejn. Fix-xhieda tar-rikorrenti, hi tghid illi Muscat fetah dan l-Ipad sab xi LCD nieqsa u qalilha li ma kienx ta idejh. Wara dan, ir-rikorrenti hadet l-Ipad ghand l-Apple Store ta' B'kara peress illi l-konvenut kien qalilha li kien hadu ghandhom. Minn B'kara ir-rikorrenti baghtuha l-APPLE tal-Pieta fejn huma cahdu li qatt ma raw jew nnegozjaw ma' Joseph Ballucci. Di piu, peress illi ndunaw li l-Ipad kien diga miftuh darb'ohra, ma riedux jiehdu responsabbilita' tat-tiswija tieghu.

Illi terga' zmien wara, oht ir-rikorrenti hadet l-Ipad ghand id-ditta Reboot, illi wara li ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom allegaw li kien hemm hafna affarijiet neqsin u li l-hgiega kienet imwahhla bis-*superglue*. Gie rilaxxat rapport (DokA.) Dan ir-rapport gie konfermat minn Justin Buttigieg, li qal illi l-Ipad gie ghandhom fil-5 ta' Awwissu 2015. Ma ghamlu l-ebda interventi jew tiswijiet fuq dan l-Ipad, peress li kien fih hafna hsara. Mistoqsi dwar prezzijiet, ighid li mudell bhal dak in kwistjoni kien jiswa (gdid) bejn tlett mija (€300.00) u tlett mija u hamsin Euro (€350.00) u second-hand, xi mitt Euro (€100.00)

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi t-Tribunal jinnota certi inkonsistenti ghal dak li huwa x-xhieda tar-rikorrenti. Fix-xhieda taghha, issemmi illi hadet l-Ipad ghand il-konvenut f'Settembru 2013 mentri skond l-ittra esebita datata 17 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrenti tghid illi hi ikkunsinjat l-IPAD f'Lulju 2014. It-Tribunal huwa inklinat illi jaghti affidament lil data imsemmija fl-ittra ta' Ottubru 2014 u cjoe' illi r-rikorrent hadet l-Ipad ghand il-konvenut f'Lulju 2014.

Wara dan, l-unika data certa li jirrizulta mill-atti hija d-data meta dditta Reboot irceviet l-Ipad, u cjoe' ftit iktar minn sena wara, f'Awwissu 2015. (ara xhieda Justin Buttigieg). Dan ifisser li mill-inqas ghal zmien sena, dan l-Ipad kien qed jigri minn persuna ghall-ohra, minghajr ma jinzamm record ta' fejn kien f'liema zmien. Li nafu zgur hu illi f'Awwissu 2015, l-Ipad tant kellu hsarat li ma setax jitranga u li f'dak iz-zmien, kieku kien ghadu jahdem sew, kien jiswa xi mitt Euro. (€100.00).

Ikkunsidra

Illi skond dawn ir-rizultanzi processwali, jidher car illi minbarra li dan lpad dam sena jigri minn id ghall-iehor, il-hsara promotrici giet ikkawzata meta l-Ipad kien fil-pusses tal-intimat, fejn ammetta illi dan fethu sabiex ibiddel l-iscreen. Wara dan, xejn ma mar sew ghal dan l-Ipad. Anke jekk mar ghand min mar, ma nfetahx - jew ghax ma kienx ta' idejhom, jew ghax irrejalizzaw li kien infetah minn xi hadd iehor. Naturalment hadd ma jiehu gost jahdem wara haddiehor ghax b'hekk jispiccaw li jiehdu t-tort huma. Kwindi dan it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-intimat ghamel intervent fiziku fuq dan l-Ipad, liema intervent ma rnexxhiex, tant illi hu stess irrifonda l-flus imhallsha ghat-tiswija. Ir-rikorrenti tghid illi minkejja illi kien hemm il-hgiega miksura, l-Ipad xorta kien jahdem. Dana jista' jkun peress illi huwa ferm probabbli illi Ipad jibqa' jiffunzjona tajjeb nonostante li jkun hemm xquq fl-iscreen. Wara l-intervent tal-konvenut, ghal xi raguni jew ohra, l-Ipad ma baqax

jiffunzjona u d-diversi *technicians* li jezaminaw dan Ipad irrimarkaw anke mill-apparenza tieghu illi x-xoghol i sar fuqu ma kienx skond l-arti u s-sengha.

It-Tribunal jikkonkludi ghalhekk illi minkejja l-inkonsistenzi fid-dati, ir-rikorrenti rnexxielha tipprova almenu sal-grad tal-probabbli illi l-hsara li wasslet sabiex l-Ipad ma jkunx iktar operattiv bdiet wara illi l-intimat ghamel xi xoghol fuq dan Ipad.

Illi bhala persuna tas-sengha, l-intimat kien imissu l-ewwel nett ikollu record ta' meta ha konsenja ta' dan l-Ipad, it-tip tax-xoghol illi affetwa, jipprova l-Ipad fil-presenza tas-sid u johrog garanzija fuq ix-xoghol affetwat. Dana jsir mhux biss ghal protezzjoni tal-klijent li jkollu assikurazzjoni ta' tiswija tajba, imma anke ghat-tekniku li jkollu assikurazzjoni illi meta kkonsejna l-oggett ghand il-klijent, dana kien fi stat tajjeb u li jahdem. Jekk forsi l-intimat hass illi ma kienx ta' jdejh imma ried jaghmel pjacir lir-rikorrenti bhala habib, xorta almenu kien messu assikura ruhu illi meta kkonsenja l-oggett lir-rikorrenti, dana kien jahdem.

Illi din l-assikurazzjini sfortunatament baqghet ma nghatatx. Irrizulta biss illi wara t-tiswija l-Ipad kien fi stat aghar li kien qabel, u l-konvenut irrifonda lura l-prezz ta' tiswija.

Ghalhekk, tajjeb jew hazin, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti haqqha xi forma ta' kumpens. Zgur pero' mhux fl-ammonti li qed tippretendi hi.

Jibda biex jinghad illi dan l-Ipad kien diga' sena u nofs ghand ir-rikorrenti qabel ma waqqghatu, f'liema kaz, skond Justin Buttigieg, dan l-Ipad ma kienx jiswa iktar minn mitt Euro (100.00). Wara li waqqghatu, assumendo illi dan Ipad kien jahdem meta ittiehed ghand l-intimat, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ghandha tigi risarcita fl-ammont ta' hamsin Euro (€50.00), bhala danni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, illi jilqa' limitatament it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat ghar-ragunijiet fuq premessi illi jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' hamsin Euro (€50.00).

Bl-ispejjes li jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru